32000D0774



# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-30 ta' Novembru 2000

## li tapprova l-programmi għall-eradikazzjoni u l-immonitorjar ta' mard ta' l-annimali u għall-prevenzjoni taż-żonożi ppreżentata għas-sena 2001 mill-Istati Membri

*(notifikata taħt dokument numru Ċ(2000) 3639)*

(2000/774/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar in-nefqa fil-qasam veterinarju [1], kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KE) Nru 1258/1999 [2], u b'mod partikolari l-Artikoli 24, 29 u 32 tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni 90/424/KEE tipprovdi għall-possibiltà ta' parteċipazzjoni finanzjarja mill-Komunità ta' l-eradikazzjoni u s-sorveljanza ta' mard ta' l-annimali u għall-verifiki mmirati lejn il-prevenzjoni taż-żonożi.

(2) L-Istati Membri bagħtu programmi għall-eradikazzjoni ta' mard ta' l-annimali u għall-prevenzjoni taż-żonożi fil-pajjiżi tagħhom.

(3) Wara l-eżami tal-programmi nstab li kienu jikkonformaw mal-kriterji tal-Komunità li jirrelataw ma' l-eradikazzjoni ta' dan il-mard, b'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/638/KEE tas-27 ta Novembru 1990 li tistabbilixxi l-kriterji tal-Komunità għall-eradikazzjoni u l-immonitorjar ta' ċertu mard ta' l-annimali [3] kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 92/65/KEE [4].

(4) Dawn il-programmi jidhru fil-lista ta' prijorità ta' programmi għall-eradikazzjoni u sorveljanza ta' mard ta' l-annimali u għall-verifiki mmirati lejn il-prevenzjoni taż-żonożi li jistgħu jibbenifikaw minn parteċipazzjoni finanzjarja tal-Komunità 2001 u li kienet stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/640/KE [5].

(5) Fid-dawl ta' l-importanza tal-programmi mmirati biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Komunità fil-qasam tas-saħħa ta' l-annimali u s-saħħa pubblika, jidher xieraq li tiġi ffissata l-parteċipazzjoni finanzjarja tal-Komunità sa 50 % tan-nefqiet magħmula mill-Istati Membri fuq il-miżuri speċifikati f'din id-Deċiżjoni sa ammont massimu għal kull programm.

(6) Skond l-Artikolu 3(2) tar-regolament (KE) Nru 1258/1999, il-miżuri veterinarji u s-saħħa tal-pjanti mwettqa skond ir-regoli tal-Komunità għandhom ikunu ffinanzjati taħt is-Sezzjoni tal-Garanzija tal-Fond Ewropew għall-Gwidi Agrikoli u Garanziji; għal skopijiet ta' kontrolli finanzjarji, l-Artikoli 8 u 9 tar-regolament (KE) Nru 1258/1999 għandhom japplikaw.

(7) Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandha tingħata bil-kundizzjoni li l-azzjonijiet ippjanati jkunu mwettqa b'mod effiċjenti u li l-awtoritajiet jipprovdu it-tagħrif kollu meħtieġ fil-limiti ta' żmien stipulat.

(8) L-approvazzjoni ta' xi whud minn dawn il-programmi m'għandhiex tippreġudika xi deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar ir-regoli għall-eradikazzjoni ta' dak il-mard ibbażata fuq parir xjentifiku.

(9) Il-miżuri li għalihom tipprovdi din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti Veterinarju,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

**Kontenut**


| | | |
|---|---|---|
| Il-Kapitolu I | *Rabies* | L-Artikoli 1 sa 7 |
| Il-Kapitolu II | Bruċelloži bovina | L-Artikoli 8 sa 14 |
| Il-Kapitolu III | Tuberkuloži bovina | L-Artikoli 15 sa 20 |
| Il-Kapitolu IV | *Enzootic bovine leucosis* | L-Artikoli 21 sa 22 |
| Il-Kapitolu V | *Pleuropneumonia* bovina li tittieħed | Artikolu 23 |
| Il-Kapitolu VI | Bruċelloži ovina u tal-mogħoż | L-Artikoli 24 sa 28 |
| Il-Kapitolu VII | *Scrapie* | L-Artikoli 29 sa 37 |
| Il-Kapitolu VIII | Salmonella fit-tjur | L-Artikoli 38 sa 40 |
| Il-Kapitolu IX | *ASF/CSF, SVD* | L-Artikoli 41 sa 44 |
| Il-Kapitolu X | *Aujeszky's disease* | Artikolu 45 |
| Il-Kapitolu XI | Dispożizzjonijiet finali | L-Artikoli 46 sa 50 |


[1] ĠU L 224, tat-18.9.1990, p. 19.
[2] ĠU L 160, tas-26.6.1999, p. 103.
[3] ĠU L 347, tat-12.12.1990, p. 27.
[4] ĠU L 268, ta' l-14.9.1992, p. 54.
[5] ĠU L 269, tal-21.10.2000, p. 56.

**Il-KAPITOLU I**

***Rabies***

*Artikolu 1*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tar-*rabies* ippreżentat mill-Awstrija huwa approvat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2001.

2. Il-parteċipazzjoni tal-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % tan-nefqa fix-xiri u t-tqassim tal-vaċċin miżjuda b'*baits* mill-Awstrija sa massimu ta' EUR 200000.

*Artikolu 2*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tar-*rabies* ippreżentat mill-Belġju huwa approvat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2001.

2. Il-parteċipazzjoni tal-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % tan-nefqa fix-xiri u t-tqassim tal-vaċċin miżjuda b'*baits* mill-Belġju sa massimu ta' EUR 160000.

*Artikolu 3*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tar-*rabies* ippreżentat mill-Fillandja huwa approvat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2001.

2. Il-parteċipazzjonital-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % tan-nefqa fix-xiri u t-tqassim tal-vaċċin miżjuda b'*baits* mill-Fillandja sa massimu ta' EUR 100000.

*Artikolu 4*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tar-*rabies* ippreżentat mill-Franza huwa approvat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2001.

2. Il-parteċipazzjoni tal-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % tan-nefqa fix-xiri u t-tqassim tal-vaċċin miżjuda b'*baits* minn-Franza sa massimu ta' EUR 200000.

*Artikolu 5*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tar-*rabies* ippreżentat mill-Ġermanja huwa approvat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2001.

2. Il-parteċipazzjoni tal-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % tan-nefqa fix-xiri u t-tqassim tal-vaċċin miżjuda b'*baits* mill-Ġermanja sa massimu ta' EUR 1800000.

*Artikolu 6*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tar-*rabies* ippreżentat mill-Italja huwa approvat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2001.

2. Il-parteċipazzjoni tal-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % tan-nefqa fix-xiri u t-tqassim tal-vaċċin miżjuda b'*baits* mill-Italja sa massimu ta' EUR 15000.

*Artikolu 7*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tar-*rabies* ippreżentat mil-Lussemburgu huwa approvat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2001.

2. Il-parteċipazzjoni tal-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % tan-nefqa fix-xiri u t-tqassim tal-vaċċin miżjuda b'*baits* mil-Lussemburgu sa massimu ta' EUR 70000.

**Il-KAPITOLU II**

**Bruċelloži bovina**

*Artikolu 8*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tal-bruċelloži bovina ppreżentat minn Franza huwa approvat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2001.

2. Il-parteċipazzjoni tal-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % tan-nefqa maġħmula minn Franza permezz ta' kumpens lis-sidien għall-qtil ta' l-annimali sa massimu ta' EUR 500000.

*Artikolu 9*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tal-bruċelloži bovina ppreżentat mill-Greċja huwa approvat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2001.

2. Il-parteċipazzjoni tal-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % tan-nefqa maġħmula minn Franza permezz ta' kumpens lis-sidien għall-qtil ta' l-annimali sa massimu ta' EUR 500000.

*Artikolu 10*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tal-bruċelloži bovina ppreżentat mill-Irlanda huwa approvat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2001.

2. Il-parteċipazzjoni tal-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % tan-nefqa maġħmula mill-Irlanda permezz ta' kumpens lis-sidien għall-qtil ta' l-annimali sa massimu ta' EUR 5000000.

*Artikolu 11*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tal-bruċelloži bovina ppreżentat mill-Italja huwa approvat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2001.

2. Il-parteċipazzjoni tal-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % tan-nefqa maġħmula mill-Italja permezz ta' kumpens lis-sidien għall-qtil ta' l-annimali sa massimu ta' EUR 1500000.

*Artikolu 12*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tal-bruċelloži bovina ppreżentat mill-Portugall huwa approvat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2001.

2. Il-parteċipazzjoni tal-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % tan-nefqa maġħmula mill-Portugall permezz ta' kumpens lis-sidien għall-qtil ta' l-annimali sa massimu ta' EUR 2200000.

*Artikolu 13*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tal-bruċelloži bovina ppreżentat minn Spanja huwa approvat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2001.

2. Il-parteċipazzjoni tal-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % tan-nefqa magħmula minn Spanja permezz ta' kumpens lis-sidien għall-qtil ta' l-annimali sa massimu ta' EUR 2900000.

*Artikolu 14*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tal-bruċelloži bovina ppreżentat mir-Renju Unit/Irlanda ta' Fuq huwa approvat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2001.

2. Il-parteċipazzjoni tal-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % tan-nefqa magħmula mir-Renju Unit/Irlanda ta' Fuq permezz ta' kumpens lis-sidien għall-qtil ta' l-annimali sa massimu ta' EUR 700000.

**Il-KAPITOLU III**

**Tuberkuloži bovina**

*Artikolu 15*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tal-tuberkuloži bovina ppreżentat mill-Greċja huwa approvat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2001.

2. Il-parteċipazzjoni tal-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % tan-nefqa magħmula mill-Greċja permezz ta' kumpens lis-sidien għall-qtil ta' l-annimali sa massimu ta' EUR 100000.

*Artikolu 16*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tat-tuberkuloži bovina ppreżentat mill-Irlanda huwa approvat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2001.

2. Il-parteċipazzjoni tal-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % tan-nefqa magħmula mill-Irlanda għax-xiri ta' tuberkulin sa massimu ta' EUR 770000.

*Artikolu 17*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tat-tuberkuloži bovina ppreżentat mill-Italja huwa approvat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2001.

2. Il-parteċipazzjoni tal-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % tan-nefqa magħmula mill-Italja permezz ta' kumpens lis-sidien għall-qtil ta' l-annimali sa massimu ta' EUR 700000.

*Artikolu 18*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tat-tuberkuloži bovina ppreżentat mill-Portugall huwa approvat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2001.

2. Il-parteċipazzjoni tal-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % tan-nefqa magħmula mill-Portugall permezz ta' kumpens lis-sidien għall-qtil ta' l-annimali sa massimu ta' EUR 100000.

*Artikolu 19*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tat-tuberkuloži bovina ppreżentat minn Spanja huwa approvat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2001.

2. Il-parteċipazzjoni tal-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % tan-nefqa magħmula minn Spanja permezz ta' kumpens lis-sidien għall-qtil ta' l-annimali sa massimu ta' EUR 5800000.

*Artikolu 20*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tat-tuberkuloži bovina preżentat mir-Renju Unit/Irlanda ta' Fuq huwa approvat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2001.

2. Il-parteċipazzjoni tal-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % tan-nefqa magħmula mir-Renju Unit/Irlanda ta' Fuq għax-xiri ta' tuberkulin sa massimu ta' EUR 65000.

**Il-KAPITOLU IV**

***Enzootic bovine leucosis***

*Artikolu 21*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni ta' *enzootic bovine leucosis* ippreżentat mill-Italja huwa approvat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2001.

2. Il-parteċipazzjoni tal-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % tan-nefqa magħmula mill-Italja permezz ta' kumpens lis-sidien għall-qtil ta' l-annimali sa massimu ta' EUR 200000.

*Artikolu 22*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni ta' l-*enzootic bovine leucosis* ippreżentat mill-Portugall huwa approvat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2001.

2. Il-parteċipazzjoni tal-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % tan-nefqa magħmula mill-Portugall permezz ta' kumpens lis-sidien għall-qtil ta' l-annimali sa massimu ta' EUR 2000000.

**Il-KAPITOLU V**

***Pleuropneumonia* bovina li tittieħed**

*Artikolu 23*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tal-*pleuropneumonia* bovina li tittieħed ippreżentat mill-Portugall huwa approvat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2001.

2. Il-parteċipazzjoni tal-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % tan-nefqa magħmula mill-Portugall permezz ta' kumpens lis-sidien għall-qtil ta' l-annimali sa massimu ta' EUR 110000.

**Il-KAPITOLU VI**

**Bruċelloži ovina u tal-mogħoż**

*Artikolu 24*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tal-bruċelloži ovina u tal-mogħoż ippreżentat minn Franza huwa approvat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2001.

2. Il-parteċipazzjoni tal-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % tan-nefqa magħmula minn Franza għall-analiżi fil-laboratorju u dik permezz ta' kumpens lis-sidien għall-qtil ta' l-annimali sa massimu ta' EUR 350000.

*Artikolu 25*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tal-bruċelloži ovina u tal-mogħoż ippreżentat mill-Greċja huwa approvat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2001.

2. Il-parteċipazzjoni tal-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % tan-nefqa magħmula mill-Greċja sa massimu ta' EUR 900000 għal:

— xiri ta' vaċċin,

— analiżi fil-laboratorju,

— salarji tal-veterinarji fuq kuntratt speċjalment dawk ingaġġati għall-programm,

— kumpens lis-sidien għall-qtil ta' l-annimali.

*Artikolu 26*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tal-bruċelloži ovina u tal-mogħoż ippreżentat mill-Italja huwa approvat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2001.

2. Il-parteċipazzjoni finanzjarja mill-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % tan-nefqa magħmula mill-Italja għax-xiri ta' vaċċin biex jintuża fi Sqallija u għan-nefqa ta' l-analiżi fil-laboratorju permezz ta' kumpens lis-sidien għall-qtil ta' l-annimali fit-territorju kollu ta' l-Italja sa massimu ta' EUR 2500000.

*Artikolu 27*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tal-bruċelloži ovina u tal-mogħoż ippreżentat mill-Portugall huwa approvat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2001.

2. Il-parteċipazzjoni tal-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % tan-nefqa magħmula mill-Portugall għall-analiżi fil-laboratorju permezz ta' kumpens lis-sidien għall-qtil ta' l-annimali sa massimu ta' EUR 2000000.

*Artikolu 28*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tal-bruċelloži ovina u tal-mogħoż ippreżentat minn Spanja huwa approvat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2001.

2. Il-parteċipazzjoni tal-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % tan-nefqa magħmula minn Spanja permezz ta' kumpens lis-sidien għall-qtil ta' l-annimali sa massimu ta' EUR 5700000.

*Artikolu 28a*

Għall-programm li hemm riferenza għalih fl-Artikoli 24 sa 28 in-nefqa ta' l-analiżi fil-laboratorju hija mħallsa lura sa EUR 0,3 kull rose bengal test, EUR 0,6 kull complement fixation test, EUR 0,1 kull doża ta' vaċċin.

**Il-KAPITOLU VII**

***Scrapie***

*Artikolu 29*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni ta' l-i*scrapie* ippreżentat mill-Awstrija huwa approvat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2001.

2. Il-parteċipazzjoni tal-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % tan-nefqa magħmula mill-Awstrija sa massimu ta' EUR 5000.

*Artikolu 30*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni ta' l-i*scrapie* ppreżentat mill-Belġju huwa approvat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2001.

2. Il-parteċipazzjoni tal-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % tan-nefqa magħmula mill-Belġju għall-analiżi fil-laboratorju permezz ta' kumpens lis-sidien għall-qtil ta' l-annimali sa massimu ta' EUR 50000.

*Artikolu 31*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni ta' l-i*scrapie* ppreżentat minn Franza huwa approvat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2001.

2. Il-parteċipazzjoni tal-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % tan-nefqa magħmula minn Franza għall-analiżi fil-laboratorju u dik permezz ta' kumpens lis-sidien għall-qtil ta' l-annimali sa massimu ta' EUR 200000.

*Artikolu 32*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni ta' l-i*scrapie* ppreżentat mill-Greċja huwa approvat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2001.

2. Il-parteċipazzjoni tal-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % tan-nefqa magħmula mill-Greċja għall-analiżi fil-laboratorju permezz ta' kumpens lis-sidien għall-qtil ta' l-annimali sa massimu ta' EUR 100000.

*Artikolu 33*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni ta' l-i*scrapie* ppreżentat mill-Irlanda huwa approvat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2001.

2. Il-parteċipazzjoni tal-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % tan-nefqa magħmula mill-Irlanda għall-analiżi ta' kampjuni li jittieħdu saltwarjament minn nagħaġ ixjeħ waqt il-qatla, sa massimu ta' EUR 200000.

*Artikolu 34*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni ta' l-i*scrapie* ppreżentat mill-Italja huwa approvat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2001.

2. Il-parteċipazzjoni tal-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % tan-nefqa magħmula mill-Italja permezz ta' kumpens lis-sidien għall-qtil ta' l-annimali sa massimu ta' EUR 100000.

*Artikolu 35*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni ta' l-i*scrapie* ppreżentat mill-Olanda huwa approvat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2001.

2. Il-parteċipazzjoni tal-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % tan-nefqa magħmula mill-Olanda għall-analiżi ta' kampjuni għall-genotyping ta' bdabad sa massimu ta' EUR 100000.

*Artikolu 36*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni ta' l-i*scrapie* ppreżentat minn Spanja huwa approvat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2001.

2. Il-parteċipazzjoni tal-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % tan-nefqa magħmula minn Spanja għall-analiżi sa massimu ta' EUR 25000.

*Artikolu 37*

Għall-programmi li hemm riferenza għalihom fl-Artikoli 29 sa 33 in-nefqa ta' l-analiżi fil-laboratorju hija mħallsa lura sa EUR 10 kull *genotyping test*, EUR 15 kull *histopathology test*, EUR 15 kull *immuno-histochemistry test* u EUR 15 kull test ELIZA. Kampjuni analizzati fil-qafas ta' l-Artikolu 6(b) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/68/EEC [1] m'għandhomx jitħallsu lura.

**Il-KAPITOLU VIII**

**Salmonella fit-tjur**

*Artikolu 38*

1. Il-programm għall-immonitorjar u l-kontroll tas-salmonella fit-tjur tat-tgħammir ippreżentat mill-Awstrija huwa approvat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2001.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità hija ffissata bħala 50 % tan-nefqa mill-Awstrija għall-implimentazzjoni tal-programm sa massimu ta' EUR 100000, għal

— skond kif tkun is-sitwazzjoni, il-qerda ta' tjur għat-tgħammir jew id-differenza bejn il-valur stmat tat-tjur tat-tgħammir u d-dħul mill-bejgħ ta' laħam ittrattat bis-sħana miksub minn dawn it-tjur,

— il-qerda ta' bajd tat-tfaqqis inkubat,

— skond kif tkun is-sitwazzjoni, il-qerda ta' bajd għat-tfaqqis mhux inkubat jew id-differenza bejn il-valur stmat tal-bajd tat-tfaqqis mhux inkubat u d-dħul mill-bejgħ ta' prodotti tal-bajd ittrattati bis-sħana miksuba mill-bajd,

[1] ĠU L 46, tad-19.2.1991, p. 19.

*Artikolu 39*

1. Il-programm għall-immonitorjar u kontroll tas-salmonella fit-tjur tat-tgħammir ippreżentat mid-Danimarka huwa approvat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2001.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità hija ffissata għal 50 % tan-nefqa mid-Danimarka għall-implimentazzjoni tal-programm sa massimu ta' EUR 200000, għal

— skond kif tkun is-sitwazzjoni, il-qerda ta' tjur għat-tgħammir jew id-differenza bejn il-valur stmat tat-tjur tat-tgħammir u d-dħul mill-bejgħ ta' laħam ittrattat bis-sħana miksub minn dawn it-tjur,

— il-qerda ta' bajd tat-tfaqqis inkubat,

— skond kif tkun is-sitwazzjoni, il-qerda ta' bajd għat-tfaqqis mhux inkubat jew id-differenza bejn il-valur stmat tal-bajd tat-tfaqqis mhux inkubat u d-dħul mill-bejgħ ta' prodotti tal-bajd ittrattati bis-sħana miksuba mill-bajd,

*Artikolu 40*

1. Il-programm għall-immonitorjar u l-kontroll tas-salmonella fit-tjur tat-tgħammir ippreżentat minn Franza huwa approvat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2001.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità hija ffissata għal 50 % tan-nefqa minn Franza għall-implimentazzjoni tal-programm sa massimu ta' EUR 3000000, għal

— skond kif tkun is-sitwazzjoni, il-qerda ta' tjur għat-tgħammir jew id-differenza bejn il-valur stmat tat-tjur tat-tgħammir u d-dħul mill-bejgħ ta' laħam ittrattat bis-sħana miksub minn dawn it-tjur,

— il-qerda ta' bajd tat-tfaqqis inkubat,

— skond is-sitwazzjoni, il-qerda ta' bajd għat-tfaqqis mhux inkubat jew id-differenza bejn il-valur stmat tal-bajd tat-tfaqqis mhux inkubat u d-dħul mill-bejgħ ta' prodotti tal-bajd ittrattati bis-sħana miksuba mill-bajd,

**Il-KAPITOLU IX**

***African/classical swine fever, swine vesicular disease* L-*African/classical swine fever, swine vesicular disease***

*Artikolu 41*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni ta' l-*classical swine fever* ippreżentat mill-Ġermanja huwa approvat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2001.

2. Il-parteċipazzjoni tal-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % tan-nefqa għall-analiżi tal-laboratorju viroloġika u seroloġika ta' ħnieżer domestiċi u għall-kontroll tal-popolazzjoni taċ- ċingjali magħmula mill-Ġermanja sa massimu ta' EUR 2000000.

*Artikolu 42*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni ta' l-*African/classical swine fever* ippreżentat mill-Italja/Sardinja huwa approvat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2001.

2. Il-parteċipazzjoni tal-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % tan-nefqa ta' l-analiżi tal-laboratorju viroloġika u seroloġika u dik magħmula mill-Italja permezz ta' kumpens lissidien għall-qtil ta' l-annimali sa massimu ta' EUR 350000.

*Artikolu 43*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tal-i*Swine vesicular disease and classical swine fever* ippreżentat mill-Italja huwa approvat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2001.

2. Il-parteċipazzjoni tal-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % tan-nefqa ta' l-analiżi tal-laboratorju viroloġika u seroloġika u dik magħmula mill-Italja permezz ta' kumpens lissidien għall-qtil ta' l-annimali seropożittivi sa massimu ta' EUR 300000.

*Artikolu 44*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tal-*classical swine fever* ippreżentat mil-Lussemburgu huwa approvat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2001.

2. Il-parteċipazzjoni tal-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % tan-nefqa għall-analiżi tal-laboratorju viroloġika u seroloġika ta' ħnieżer domestiċi u għall-kontroll tal-popolazzjoni taċ- ċingjali magħmula mil-Lussemburgu sa massimu ta' EUR 30000.

**Il-KAPITOLU X**

***Aujeszky's disease***

*Artikolu 45*

1. Il-programm għall-eradikazzjoni tal- *Aujeszky disease* ppreżentat mill-Belġju huwa approvat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2001.

2. Il-parteċipazzjoni tal-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % tan-nefqa ta' l-ittestjar magħmula mill-Belġju sa EUR 1,25 kull test sa massimu ta' EUR 950000.

**Il-KAPITOLU XI**

**Dispożizzjonijiet finali**

*Artikolu 46*

Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għall-kumpens għall-qtil ta' l-annimali għandha tkun limitata:

(a) fir-rigward tal-kumpens medju mħallas għall-annimali kollha ta' dak l-ispeċi kkalkolat fuq il-bażi ta' l-annimali maqtula fl-Istat Membru, sa massimu ta' EUR 300 għal annimali bovini u EUR 40 għan-nagħaġ u l-mogħoż,

(b) Fir-rigward ta' l-ammont massimu ta' kumpens imħallas għal kull annimal, sa EUR 1000 kull annimal bovin u sa EUR 100 kull nagħġa jew mogħża.

*Artikolu 47*

Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għall-programmi illi hemm riferenza għalihom fl-Artikoli 1 sa 7 għandha tingħata bla ħsara għal:

(a) li jinġiebu fis-seħħ sa l-1 ta' Jannar 2001 il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi mill-Istati Membri konċernati għall-implimentazzjoni tal-programm,

(b) li jintbagħat rapport lill-Kummissjoni kull sitt xhur dwar il-progress tal-programm u n-nefqiet magħmula l-aktar tard sa erba' ġimgħat wara t-tmiem tal-perjodu ta' rapportar,

(ċ) li jintbagħat rapport finali sa l-1 ta' Ġunju 2002 l-aktar tard dwar l-eżekuzzjoni teknika tal-programm akkumpanjat b'xhieda li tiġġustifika n-nefqiet magħmula u r-riżultati miksuba matul il-perjodu l-1 ta' Jannar sal 31 Diċembru 2001,

(d) l-implimentazzjoni tal-programm b'mod effiċjenti,

u sakemm il-leġislazzjoni veterinarja tal-Komunità tkun ġiet rispettata.

*Artikolu 48*

Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għall-programmi li hemm riferenza għalihom fl-Artikoli 8 sa 39 għandha tingħata bla ħsara għal:

(a) li jinġiebu fis-seħħ sa l-1 ta' Jannar 2001 il-liġijiet, regolamenti u diżpożizzjonijiet amministrattivi mill-Istati Membri konċernati għall-implimentazzjoni tal-programm,

(b) li jintbagħat rapport lill-Kummissjoni kull erba' xhur dwar il-progress tal-programm u n-nefqiet magħmula l-aktar tard sa erba' ġimgħat wara t-tmiem ta' kull perjodu ta' rapportar,

(ċ) li jintbagħat rapport finali sa l-1 ta' Ġunju 2002 l-aktar tard dwar l-eżekuzzjoni teknika tal-programm akkumpanjat b'xhieda li tiġġustifika n-nefqiet magħmula u r-riżultati miksuba matul il-perjodu l-1 ta' Jannar sal 31 Diċembru 2001,

(d) l-implimentazzjoni tal-programm b'mod effiċjenti,

u sakemm il-leġislazzjoni veterinarja tal-Komunità tkun ġiet rispettata.

*Artikolu 49*

Id-Deċiżjoni preżenti tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2001.

*Artikolu 50*

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, 30 ta' Novembru 2000.

*Għall-Kummissjoni*

David BYRNE

*Membru tal-Kummissjoni*